# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

**Il-ktieb għas-sena 1989** **Il-65 sena**

*Editorjal*

## Fejn Aħna?

Jidher ċar minn dak li naraw u nisimgħu li l-poplu Malti, fejn irid, jaf ikun tolleranti wisq u daqshekk ieħor jaf ikun intolleranti. Nieħdu bħala eżempju l-ilsien Malti, ħaġa ferm għażiża għalina, bħala Maltin u bħala l-Akkademja tal-Malti, u daqshekk ieħor imissha tkun għal kull ċittadin ta' din l-art ħelwa. Imma ċ-ċittadini ħutna jgħożżu tassew l-ilsien nazzjonali? Ma jidhirx li dan hu hekk, u nagħtu l-provi . . .

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta tistqarr li "l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta huwa l-ilsien Malti" (art. 5 (1)), u mbagħad titkellem fuq l-użu tal-Malti u ta' ilsna oħra. Safejn nafu aħna dan il-provvediment kostituzzjonali ħadd ma jopponih, u hekk jixraq. Min jaf, kieku, x'kienu jsejħulu lil min joħroġ kontra tiegħu? Imma mbagħad, fil-ħajja ta' kuljum, kemm qegħdin ngħożżuh tassew, kif u kemm jixraqlu, l-ilsien Malti? Quddiem dawn il-fatti, li hawn fuq tajna ħjiel ħafif ħafif tagħhom, jidher ċar li ħafna minn ħutna jafu jkunu tolleranti wisq, inkella intolleranti żżejjed.

Għalhekk jiġik li tgħid: sbieħ kemm huma sbieħ il-liġijiet li jgħaddu mill-Parlament, jibqa' dejjem il-bżonn li mill-ktieb jitwasslu fil-ħajja ta' kuljum, fil-ġurnali u fuq il-mezzi tax-xandir, fl-iskejjel, fil-fabbriki u fl-uffiċċji. Imma dan kemm qegħdin nagħmluh? Hawn min qed jagħmlu bl-akbar naturalezza, bla tqanżiħ. Imma hawn ukoll oħrajn li jinsabu lesti jagħmlu hekk huma wkoll, biss hemm xi ħaġa li żżommhom . . . għax qishom "jistħu", u għandhom "kumpless ta' inferjorità"! Lil min hu marid trid tfejqu: dan igħodd ukoll għal min ibati bil-"kumpless" li semmejna u li jista' jitfejjaq bil-galbu kollu. U ġie li tfejjaq ukoll. Min igħożż tassew l-ilsien Malti u jrid bir-raġun kollu jsaħħaħ il-qagħda tiegħu u l-identità nazzjonali tagħna f'din l-art ħelwa li Alla tana m'huwiex injurant u moħħu magħluq, anzi. . . ! Iċ-ċittadin normali Malti jaqbillu jkun jaf ilsna oħra, imma dawn ma jitgħallimhomx billi jfarrak u jħawwad u jgħawweġ ilsienu stess. Fl-aħħar mill-aħħar, it-tagħlim tal-lingwa nazzjonali u ta' lingwi oħra jaqa' taħt ir-regoli validi tal-pedagoġija u tal-psikoloġija.

Jidhrilna li ċ-ċittadini Maltin ma għandhomx jikkuntentaw ruħhom biss billi jissemma l-ilsien Malti fil-kostituzzjoni, fil-liġijiet u f'xi avviż legali wkoll. Aktar minn hekk: il-kotra taċ-ċittadini Maltin trid aktar minn hekk billi dawn il-provvedimenti jkunu mwettqin fil-prattika ħajja ta' kuljum b'użu ta' Malti dinjituż u ħieles minn żbalji li jnikktuk. Imma x'jaqbdu jagħmlu ċ-ċittadini serji quddiem il-ħerba li dieħla ħelu ħelu fil-ġurnali u fix-xandir, minkejja l-ilmenti ta' xi wħud minnhom li jfissruhom bl-ittri u bit-telefon lil min hu fid-dmir li jagħtihom widen?

Kif nafu mill-kitba dettaljata tas-Segretarju ta' l-Għaqda tagħna, Manwel Attard, f'dan-numru stess ta' *Il-Malti*, 25 sena ilu deher l-ewwel persunaġġ Malti fuq bolla ta' pajjiżna, u ftit wara dehret kitba bil-Malti għall-ewwel darba fuq il-bolol tal-Milied. Taħsbu li l-kotra taċ-ċittadini Maltin ma jistennewx bil-ħerqa li fuq il-bolol Maltin jingħata ġieh xieraq lil kittieba Maltin, bħal Ġużè Muscat Azzopardi, Ninu Cremona u Ġanni Vassallo, li tawna r-regoli tal-kitba Maltija li ilna nużaw mas-70 sena?

Iċ-ċittadini Maltin jistennew li l-qagħda ta' l-ilsien Malti u l-identità nazzjonali tagħna jissaħħu f'din l-art ħelwa b'mod ieħor li jilħaq u jolqot il-poplu daqs il-bolol: il-monumenti. Imma hawnhekk jeħtieġ li ngħidu wkoll, x'jiswew il-monumenti jekk ma jinżammux sewwa kif jixraq? Ir-rispett lill-monumenti għandu jidħol aktar 'il ġewwa fl-edukazzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin u jibqa' jidher saħansitra fiż-żgħażagħ u fil-kbar. Ir-rispett tal-monumenti jitlob attenzjoni ċivika perseveranti li tmur 'l hinn wisq aktar milli ssemmi skola jew triq għall-kittieba li għamlu ġieh lil art twelidna.

Mal-monumenti jidħlu l-lapidi li jitwaħħlu ma' diversi djar bħala tifkira ta' kittieba magħrufa u li saħansitra jiġbdu l-attenzjoni ta' ħafna barranin. Dawn il-lapidi wkoll ħaqqhom li jinżammu b'ċertu rispett bħall-monumenti, imma hawn niltaqgħu ma' periklu aktar fin u akbar. Monument ma ċċaqalqux malajr bla ma tagħti fil-għajn u tqajjem ħafna kliem u kitba. Imma l-lapidi? Din l-art ħelwa ġie li tgħaddi, u ilha tgħaddi, minn fażi ta' żvilupp agħma, ta' min ma jarax għajr flus u aktar flus! Biex titwaħħal lapida hu meħtieġ il-permess tal-Gvern, u hekk jixraq. Imma biex tinqala', milli jidher, m'hu meħtieġ l-ebda permess: minkejja ċ-ċerimonji kollha li jkunu saru fit-tqegħid tagħha, dan kollu ma joffrilha l-ebda ħarsien tal-Gvern. Dan m'hux sewwa. Jidhrilna għalhekk li l-Akkademja tal-Malti għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Gvern biex tissewwa din l-anomalija qabel ma ssir iżjed ħsara milli diġà saret.

Fit-tisħiħ tal-qagħda ta' l-ilsien nazzjonali li jagħmel sehem sħiħ mill-identità Maltija kull ċittadin hu mistenni li jissieħeb. Lejn dan l-ideal hemm bosta toroq biex kull wieħed u kull waħda minna nuru tassew FEJN AĦNA.